MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2008

Numru. 1526/2007

**Il- Pulizja**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Paul Attard**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Paul Attard ta’ 54 sena, iben il- mejjet Reginald u Lily nee` Demajo, imwieled Sliema fis- 27 ta’ Marzu, 1953 u residenti 8, Triq il- Baltiku, San Gwann, detentur tal- karta ta’ l- identita` bin- numru 256753M.

Akkuzat talli f’ Mejju, 2007 u fix- xhur precedenti f’ dawn il- Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’ falsifikazzjoni jew tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi halaq

pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta’ l- artikolu 183 tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta’ l- artikolu 184 tal- Kodici Kriminali, Kap9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal-haddiehor, f’ dokument mahsub ghal awtorita` pubblika u cioe` l- Awtorita Maltija tat- Turizmu, xjentemnet ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz ai termini ta’ l- artikolu 188 tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Il- Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall- hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat fl- Artikolu 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 183, 184, u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li f’l-udjenza mizmuma llum 12 ta’ Mejju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati u c-cirkostanzi tal-kaz in ezami, il-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija, kif ukoll l-fatt li ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi l-qorti ikkunsidrat ukoll l-fedina penali ta' l-imputat li ghalkemm mhux netta lanqas m'hi allarmanti.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 183, 184 u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------